**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 215/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**RONALD MANGION**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Ronald Mangion gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta'Settembru, 2000, f'dawn il-Gzejjer, meta hekk ordnat minn xi Qorti, naqas li jghati lill-martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha w ghall-uliedha ghax-xhur ta'Awwissu w Settembru, 2000, fi zmien hmistax il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-10 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Ronald Mangion hati ta' din l-akkuza w kkundannatu Lm5 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Ronald Mangion datat 18 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet mill-gdid lix-xhieda taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi illum stess waqt is-seduta prezenti, din il-Qorti gja' ddecidiet appell iehor ta' l-appellant Ronald Mangion, simili ghal dan prezenti, fl-ismijiet " *Il-Pulizija – vs- Ronald Mangion, Appell Kriminali Numru 171/2000* ", fejn essenzjalment il-meritu huwa l-istess.

Ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjoni, il-Qorti qedha hawnhekk tadotta dak kollu li esprimiet fis-sentenza taghha ta’ dak l-appell l-iehor u tapplikah f’dan prezenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta’Ronald Mangion huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur